



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2011/0274(COD)

22.6.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (COM(2011)0612 – C7-0325/2011 – 2011/0274(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cristina Gutiérrez-Cortines

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-politika ta' koeżjoni hi element essenzjali tal-iżvilupp Ewropew u għandha rwol kruċjali fit-twettiq tal-obiettivi tal-Ewropa 2020. Din il-proposta hi parti minn pakkett leġiżlattiv aktar wiesa' ppreżentat mill-Kummissjoni sabiex isiru bidliet importanti dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u sabiex din tħalli l-akbar impatt hi u twettaq il-prijoritajiet Ewropej. Il-qafas il-ġdid għandu l-għan li jippreżenta ġabra ta' regoli bażiċi li jmexxu l-istrumenti strutturali kollha. Jiddefinixxi lista ta' objettivi tematiċi bi qbil mal-Istrateġija Ewropa 2020, kif ukoll jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-kondizzjonalitajiet u r-reviżjoni tar-rendiment, l-arranġamenti biex isir monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll.

F'dan il-kuntest, il-proposta tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet speċifiċi li jmexxu l-Fond ta' Koeżjoni, strument strutturali li jgħin lill-Istati Membri, li d-Dħul Nazżjonali Gross (DNG) tagħhom għal kull abitant hu inqas minn 90% tal-medja tal-UE27, sabiex jagħmlu investimenti fin-netwerks tat-trasport u fl-ambjent.

Ir-Regolament jiddetermina l-ambitu ta' intervent tal-Fond: skont il-proposta tal-Kummissjoni, fil-qasam tal-ambjent il-Fond ta' Koeżjoni għandu jippromwovi l-bidla lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fis-setturi kollha, jappoġġa l-investment biex ikun hemm adattament għat-tibdil fil-klima u għall-prevenzjoni tar-riskju, l-investment fis-setturi tal-ilma u tal-iskart u fl-ambjent urban. Investment fl-enerġija hu wkoll eliġibbli għal appoġġ jekk ikollu benefiċċji ċari u pożittivi favur l-ambjent, pereżempju billi jipromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli. Fil-qasam tat-trasport, il-Fond ta' Koeżjoni għandu jikkontribwixxi biex isiru investimenti fin-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, kif ukoll fis-sistemi ta' trasport b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u trasport urban sostenibbli.

Ir-Rapporteur tilqa' l-qafas il-ġdid propost mill-Kummissjoni u l-proposta għal dispożizzjonijiet speċifiċi li jmexxu l-Fond ta' Koeżjoni. Madankollu, ir-Rapporteur temmen li l-politika ta' koeżjoni, bħala strument għal żvilupp sostenibbli tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun suġġetta għal approċċ olistiku li jikkunsidra wkoll il-protezzjoni tal-ambjent, l-adozzjoni ta' politika tal-enerġija integrata, il-ħolqien tal-impjiegi, l-iżvilupp ta' trasport sostenibbli u ta' 'smart cities' li jiżguraw kwalità għolja ta' ħajja għaċ-ċittadini tagħhom. Għandha ssir enfasi akbar fuq il-kondizzjonalitajiet biex ikun hemm aċċess għall-fondi strutturali, u l-fondi jeħtieġ li jkunu mmexxija bi trasparenza sħiħa, filwaqt li jiżguraw il-kwalità vera tal-flus li jkunu ntefqu mill-Istati Membri u r-reġjuni taħt is-superviżjoni tal-Unjoni Ewropea.

Fid-dawl ta' dan l-għan ir-Rapporteur tixtieq tintroduċi numru ta' emendi li jtejbu l-proposta speċifika dwar il-Fond ta' Koeżjoni.

L-ewwel nett, approċċ integrat hu essenzjali għal żvilupp urban sostenibbli: it-twettiq ta' 'smart cities' ifisser li kwistjonijiet relatati mal-effiċjenza fl-enerġija u mal-produzzjoni, l-aċċessibbiltà, spazji ħodor miftuħa, l-integrazzjoni soċjali u l-adattament tal-habitats umani għar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà jiġu indirizzati minnufih. Għalhekk, ġew introdotti diversi emendi sabiex il-Fond ta' Koeżjoni jiffoka aktar fuq id-dimensjoni urbana integrata.

Barra minn hekk, il-bini tal-kapaċitajiet u l-assistenza teknika huma importanti ferm biex jinkisbu rizzultati pozzittivi u dejjiema mill-Fond ta' Koeżjoni, billi jiġu nkoraġġiti l-effiċjenza u t-trasparenza fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u mill-atturi privati involuti fil-ġestjoni tal-fond. L-Unjoni għandha tippromwovi tmexxija tajba u speċjalizzazzjoni intelliġenti permezz tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tagħha.

Barra minn hekk, il-Fond ta' Koeżjoni jista' jkun opportunità tajba biex jitrawwem approċċ ibbażat fuq ekosistema li tipproteġi u tirrestawra l-biodiversità u l-pajsaġġ, kif ukoll it-titjib tal-interfaċċja bejn żoni urbani u rurali, u l-promozzjoni ta' koeżjoni territorjali integrata li tinkludi l-ħabitat urban u l-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali u storiku.

Fl-aħħar nett, l-indikaturi komuni li jkejlu l-kisba tal-oġġettivi tal-fond għandhom ikunu kumplimentati minn indikaturi ġodda u aktar ċari għal żvilupp sostenibbli. Dawn l-indikaturi jeħtieġ li jikkunsidraw il-ħolqien tal-impjiegi li għandu jseħħ permezz tal-Fond ta' Koeżjoni, u permezz ta' investiment privat li jikkumplementa l-appoġġ pubbliku; l-indikaturi ġodda għandhom ukoll ikunu introdotti biex ikejlu espliċitament l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji li jaħdmu biex ikunu żviluppanti 'smart cities' għall-futur tagħna.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal Regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi tal-Fond ta' Koeżjoni, u f'linja mal-istrateġija Ewropa 2020 fejn il-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġja l-bżonn li jitwassal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, huwa neċessarju li jiġu stipulati l-prijoritajiet ta' investiment fl-ambitu tal-oġġettivi tematiċi stipulati fir-Regolament (UE) Nru [...] /2012 [CPR].

Emenda

(6) Sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi tal-Fond ta' Koeżjoni, u f'linja mal-istrateġija Ewropa 2020 fejn il-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġja l-bżonn li jitwassal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, ***filwaqt li jiġu mminimizzati l-ispejjeż esterni għas-soċjetà tal-attivitajiet appoġġjati***, huwa neċessarju li jiġu stipulati l-prijoritajiet ta' investiment fl-ambitu tal-oġġettivi tematiċi stipulati fir-Regolament (UE) Nru [...] /2012 [CPR].

Emenda 2

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-investiment fl-ambjent, inklużi l-oqsma relatati mal-iżvilupp sostenibbli u ***l-enerġija*** li jippreżentaw benefiċċji ambjentali;

Emenda

(a) l-investiment fl-ambjent, inklużi l-oqsma relatati mal-iżvilupp sostenibbli, ***l-enerġija rinnovabbli u l-iffrankar fl-enerġija*** li jippreżentaw benefiċċji ambjentali;

Emenda 3

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) assistenza teknika.

Emenda

(c) assistenza teknika ***u bini tal-kapaċitajiet***.

Emenda 4

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) assistenza teknika biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ewropa 2020 u l-ispeċjalizzazzonijiet intelliġenti.

Emenda 5

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) akkomodazzjoni.

Emenda

imħassar

Emenda 6

Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) il-promozzjoni tal-produzzjoni u **d-distribuzzjoni ta' sorsi** ta' enerġija rinnovabbli;

Emenda

(i) il-promozzjoni tal-produzzjoni u **l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċità infrastrutturali għad-distribuzzjoni** ta' enerġija rinnovabbli **u ta' teknoloġija informatika**;

Ġustifikazzjoni

Għandu jingħata appoġġ xieraq għal żvilupp ulterjuri tal-kapaċità tad-distribuzzjoni sabiex din tista' twieġeb għall-volumi prodotti u b'hekk tappoġġja użu usa' tal-enerġija rinnovabbli.

Emenda 7

Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) il-promozzjoni tal-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'impriżi ta' daqs żgħir u medju;

Emenda

(ii) il-promozzjoni tal-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli **f'impriżi, b'mod partikolari** f'impriżi ta' daqs żgħir u medju;

Emenda 8

Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) appoġġ lill-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'infrastrutturi pubbliċi;

Emenda

(iii) appoġġ lill-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'infrastrutturi pubbliċi **u privati**;

Emenda 9

Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) appoġġ lill-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'infrastrutturi pubbliċi;

Emenda

(iii) appoġġ lill-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'infrastrutturi pubbliċi ***kif ukoll fis-settur tal-akkomodazzjoni***;

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għat-titjib fid-djar u l-investimenti li jżidu l-effiċjenza fl-enerġija fis-settur tal-akkomodazzjoni għandu jgħin lin-nies biex jiffrankaw l-enerġija, b'hekk ikun hemm kontribut għall-oġġettivi tal-politika ambjentali tal-UE u jinħolqu opportunitajiet sinifikanti għal impjieġ ekoloġiku. Dan huwa aktar u aktar importanti meta l-Istati Membri jaffaċċjaw l-awsterità u n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji biex jappoġġjaw tali investimenti.

Emenda 10

**Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – punt a – sottopunt iia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) l-appoġġ favur l-adattament ta' habitats umani f'żoni urbani u rurali għal rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' enerġija rinnovabbli;

Emenda 11

**Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt iv**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iv) l-iżvilupp ta' sistemi ta' distribuzzjoni b'livell ta' vultaġġ baxx ;

(iv) l-iżvilupp ta' sistemi ta' distribuzzjoni ***intelliġenti*** b'livell ta' vultaġġ baxx ***u medju***;

Emenda 12

Proposta għal Regolament Artikolu 3 - punt a - punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) il-promozzjoni ta' strateġiji ta' użu baxx ta' karbonju;

Emenda

(v) il-promozzjoni ta' strateġiji ta' użu baxx ta' karbonju ***u pjanijiet għall-enerġija sostenibbli, intelliġenti u integrati*** għal żoni urbani, ***inklużi t-tteġġig tal-mobilità urbana sostenibbli, it-trasport pubbliku nadif u miżuri relevanti għall-mitigazzjoni tal-klima u l-adattament għaliha;***

Emenda 13

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(va) l-appoġġ għall-iżvilupp tat-teknoloġija għall-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju (CCS);

Ġustifikazzjoni

It-teknoloġija għall-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju hija kruċjali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-impjanti tal-enerġija u l-istallazzjonijiet industrijali tal-fjuwils fossili, imma t-teknoloġija għadha fil-bidu tal-iżvilupp tagħha u inizjalment se tkun għalja biex tiġi żviluppata. Filwaqt li l-Fondi ta' Koeżjoni m'għandhomx ikunu disponibbli biex jappoġġaw il-konstruzzjoni ta' impjanti ġodda tal-enerġija tal-fjuwils fossili, ikunu kemm ikunu effiċjenti, għandu jkun possibbli li jintużaw biex jappoġġjaw l-iżvilupp tat-teknoloġija li l-għan waħdieni tagħha jkun li jiġu evitati l-emissjonijiet tas-CO₂ fl-atmosfera.

Emenda 14

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-promozzjoni ta' adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju minn:

Emenda

(b) il-promozzjoni ta' adattament għat-tibdil fil-klima ***bbażat fuq l-eko-sistema,*** il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju minn:

Emenda 15

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) appoġġ lill-investiment iddedikat lill-adattament għat-tibdil fil-klima;

Emenda

(i) appoġġ lill-investiment iddedikat lill-adattament għat-tibdil fil-klima, **inkluż ir-restawr tal-ekosistemi tax-xmajjar u tal-kosta għall-protezzjoni mill-għargħar**;

Emenda 16

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) il-promozzjoni ta' investiment li **jindirizza** riskji speċifiċi, **jiżgura** reżiljenza kontra d-diżastri u **jiżviluppa** sistemi ta' ġestjoni tad-diżastri;

Emenda

(ii) il-promozzjoni ta' investiment, **u tal-kapaċità teknika u istituzzjonali**, li **jindirizzaw** riskji speċifiċi, **jiżguraw** reżiljenza kontra d-diżastri u **jiżviluppaw** sistemi ta' ġestjoni tad-diżastri;

Emenda 17

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi:

Emenda

(c) il-protezzjoni tal-ambjent, **il-bijodiversità u l-ekosistemi** u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi;

Emenda 18

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) il-promozzjoni tat-tiġdid tal-

infrastrutturi tal-ilma sabiex jinkiseb livell ogħla ta' effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, b'mod partikulari fil-bliet storiċi, fejn ammonti sostanzjali ta' ilma jintilfu waqt id-distribuzzjoni tiegħu.

Emenda 19

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) il-promozzjoni tal-innovazzjoni fis-settur tal-ilma u l-installazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-kontroll tar-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art.

Emenda 20

Proposta għal Regolament Artikolu 3 - punt c - punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii) il-protezzjoni u r-restawr tal-biodiversità anki permezz ta' infrastrutturi ambjentali;

(iii) il-protezzjoni u r-restawr tal-biodiversità, *tal-kwalità tal-ħamrija, ta' pajsaġġi ta' importanza għall-wirt kulturali u l-promozzjoni tas-servizzi tal-ekosistema*, anki permezz ta' infrastrutturi ambjentali *u ġestjoni ta' siti ta' Natura 2000*;

Emenda 21

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – punt c – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) il-promozzjoni ta' relazzjoni koerenti bejn iż-żoni urbani u rurali biex ikun hemm ambjent sostenibbli aħjar;

Emenda 22

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – punt c – punt iiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiib) il-promozzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp urban integrat għal 'smart cities' li jadottaw approċċ olistiku favur l-effiċjenza enerġetika, l-aċċessibbiltà, l-ispazji hodur, l-adattament għall-habitats u l-integrazzjoni soċjali;

Emenda 23

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iv) it-titjib tal-ambjent urban, inkluża r-riġenerazzjoni tas-siti industrijali abbandunati (brownfield sites), *u t-tnaqqis* fit-tniġġis tal-arja.

(iv) it-titjib tal-ambjent urban, inkluża r-riġenerazzjoni tas-siti industrijali abbandunati (brownfield sites), *il-ħolqien ta' spazji hodur, it-tnaqqis* fit-tniġġis tal-arja *u l-adozzjoni ta' miżuri mmirati li jħarsu u jippreservaw il-wirt storiku u kulturali.*

Emenda 24

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) tiġi sostnuta Żona Unika Ewropea tat-Trasport multimodali permezz ta' investiment fin-Netwerk trans-Ewropew tat-Trasport;

(i) tiġi sostnuta Żona Unika Ewropea tat-Trasport multimodali permezz ta' investiment fin-Netwerk trans-Ewropew tat-Trasport *inkluż it-trasport sostenibbli fuq l-ilma;*

Emenda 25

Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

ii) jiġu żviluppati sistemi tat-trasport b'kuxjenza ambjentali u b'livell ta' karbonju baxx, kif ukoll il-promozzjoni ta' mobilità urbana sostenibbli;

Emenda

ii) jiġu żviluppati sistemi tat-trasport **pubbliku lokali, integrat, intermodali**, b'kuxjenza ambjentali u b'livell ta' karbonju baxx, kif ukoll il-promozzjoni ta' mobilità urbana **u suburbana** sostenibbli;

Emenda 26

Proposta għal Regolament
Artikolu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u ta' amministrazzjoni pubblika effiċjenti **permezz ta' tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali** u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi **relatati mal-implimentazzjoni** tal-Fond ta' Koeżjoni.

Emenda

(e) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u ta' amministrazzjoni pubblika effiċjenti **li tipprovdi assistenza teknika** u **tinkoraġġixxi** l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi **bl-għan li jkun hemm implimentazzjoni effettiva u trasparenti** tal-Fond ta' Koeżjoni.

Emenda 27

Proposta għal Regolament
Anness – tabella – ringiela -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

<i>Investiment Produttiv</i>		
<i>Tkabbir u Impjiegi</i>	<i>impriżi</i>	<i>Għadd ta' impriżi li qed jirċievu għotjiet</i>
	<i>EUR</i>	<i>Investiment privat li jikkumplementa l-appoġġ pubbliku</i>
	<i>ekwivalenti full-time</i>	<i>Għadd ta' impjiegi maħluqa permezz tal-fondi</i>

Emenda 28

Proposta għal Regolament Anness – tabella – kolonna 3 – ringiela 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kapaċità addizzjonali għar-riċiklaġġ tal-iskart

Emenda

Il-kapaċità addizzjonali **għall-użu mill-ġdid u** għar-riċiklaġġ tal-iskart

Emenda 29

Proposta għal Regolament Anness – tabella – ringiela 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

	<i>Persuni</i>	<i>Popolazzjoni addizzjonali moqdiya minn skemi pubbliċi għas-separazzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart</i>

Emenda 30

Proposta għal Regolament Anness – tabella – ringiela 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

	<i>ettari</i>	<i>Medda ta' art b'kapaċità miżjuda biex jiġu evitati u mitigati l-għargħar u l-kundizzjonijiet tat-temp estremi</i>
	<i>ettari</i>	<i>Medda ta' art b'kapaċità miżjuda biex jiġu evitati u miġġielda n-nirien tal-foresti</i>

Emenda 31

Proposta għal Regolament Anness – tabella – ringiela 12

Test propost mill-Kummissjoni

Natura u bijodiversità	ettari	L-erja tal-wiċċ ta' habitats fi stat ta' konservazzjoni aħjar
------------------------	--------	---

Emenda

Natura u bijodiversità	ettari	L-erja tal-wiċċ ta' habitats <i>tal-baħar u tal-art</i> fi stat ta' konservazzjoni aħjar
	<i>ettari</i>	<i>Infrastruttura ekoloġika ġdida</i>
	<i>m²</i>	<i>Spazji ekoloġiċi ġodda f'żoni urbani</i>

Emenda 32

**Proposta għal Regolament
Anness – tabella – ringiela 14a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

	<i>persentaġġ</i>	<i>Is-sehem ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum totali tal-enerġija</i>
--	-------------------	---

Ġustifikazzjoni

Dan l-indikatur huwa utli biex jitkejjel il-progress lejn l-ilħuq tal-objettiv ta' 20% fl-Istrateġija 2020 tal-UE.

Emenda 33

**Proposta għal Regolament
Anness – tabella – ringiela 15**

Test propost mill-Kummissjoni

	kWh/sena	Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja <i>ta' bini pubbliku</i>
--	----------	---

Emenda

	kWh/sena	Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja <i>tal-bini</i>
--	----------	--

Ġustifikazzjoni

L-indikatur tal-effiċjenza tal-enerġija għandu jkejjel ir-rendiment tal-bini kollu, mhux biss ta' dak pubbliku.

Emenda 34

**Proposta għal Regolament
Anness – tabella – ringiela 15a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

	<i>impriżi</i>	<i>Għadd ta' impriżi b'effiċjenza fl-enerġija mtejba, inklużi l-SMEs</i>
--	----------------	--

Emenda 35

**Proposta għal Regolament
Anness – tabella – ringiela 18a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

<i>Żvilupp urban</i>		
	<i>persuni</i>	<i>Il-popolazzjoni li tgħix f'żoni bi strateġiji ta' żvilupp urban integrat</i>
	<i>m²</i>	<i>Spazji ekoloġiċi ġodda f'żoni urbani</i>
	<i>persuni</i>	<i>Il-popolazzjoni li tgħix f'żoni li jibbenefikaw minn wirt kulturali mtejjeb u minn binjiet storiċi ppreservati</i>
	<i>EUR</i>	<i>Investiment li jwassal għal attivtajiet ekonomiċi dinamiċi f'żoni urbani</i>

Emenda 36

**Proposta għal Regolament
Anness – tabella – ringiela 24 – kolonna 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Żieda fil-vjaġġi tal-passiġġieri li jużaw is-

Żieda fil-vjaġġi tal-passiġġieri li jużaw is-

servizz tat-trasport urban megħjun

servizz tat-trasport *pubbliku* urban *u*
suburban megħjun

PROĊEDURA

Titolu	Il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006
Referenzi	COM(2011)0612 – C7-0325/2011 – 2011/0274(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 25.10.2011
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 25.10.2011
Relatur Data tal-ħatra	Cristina Gutiérrez-Cortines 8.11.2011
Eżami fil-kumitat	7.5.2012
Data tal-adozzjoni	20.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 55 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Oana Antonescu, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Lajos Bokros, Martin Callanan, Nessa Childers, Yves Cochet, Chris Davies, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Christa Kläß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Miroslav Ouzký, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Carl Schlyter, Carl Schlyter, Richard Seiber, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Erik Bánki, Cristian Silviu Buşoi, Minodora Cliveti, Gaston Franco, Vittorio Prodi, Birgit Schieber-Jastram, Rebecca Taylor, Eleni Theoharous, Marita Ulvskog, Anna Záborská, Andrea Zanzi
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Véronique Mathieu